**It-Tmien Ħadd ta' Matul is-Sena**
Il-Ħadd 27 ta' Frar 2022

# Aħbar Tajba

Sir 27, 5-8
S 91 (92), 2-3.13-14.15-16
1 Kor 15, 54-58
Lq 6, 39-45



"Il-bniedem tajjeb mit-teżor tajjeb ta' qalbu joħroġ it-tajjeb, u l-bniedem il-ħażin mit-teżor **ħazin tiegħu joħroġ il-ħażin, għax mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm."**

Fis-swali taċ-ċinema u fuq it-TV ħafna minna mdorrijin naraw stejjer ta' supereroj li bil-kapaċitajiet tagħhom isalvaw lil tant nies minn perikli kbar. Dawn l-istejjer ikunu rrakkuntati tajjeb ħafna, b'atturi tajbin u b'effetti mill-isbaħ u li kultant jidhru tassew reali. Xejn ma jwaqqafhom dawn l-eroj, anke jekk il-ħżiena jkollhom pjanijiet maħsuba tajjeb, imma r-rieda qawwija tal-eroj dejjem tirbaħ.

Films bħal dawn jiġbdu ħafna nies u ħafna drabi jwasslu messaġġi pożittivi. Imma fir-realtà, l-eroj vera ma tantx jixbaħ lil dawn. B'eroj m'iniex nifhem xi ħadd li waħdu jirnexxielu jsalva mijiet ta' nies. Lanqas xi ħadd libes kostum li jiġġieled il-ħażen f'kull forma tiegħu. L-eroj li nsibu fid-dinja tagħna ma jispikkawx mill-kumplament tan-nies. Kultant qas biss tinduna bihom! Imma dan ma jfissirx li m'għandniex eroj. Anzi, id-dinja tagħna mimlija b'eroj żgħar li ħafna drabi qas jafu huma stess kemm dak li jagħmlu qed jagħmel ġid.

Dawn l-eroj issibhom f'ħafna ġenituri li joqogħdu lura mix-xewqat tagħhom biex uliedhom ma jkun jonqoshom xejn. Tant nies li jitilqu l-kumdità ta' darhom biex jgħinu tant nies fil-bżonn. Xi drabi dan l-eroj issibu f'sempliċi saċerdot anzjan li dejjem lest li jisma' lil min għandu bżonn min jisimgħu filwaqt li xi drabi oħra dan l-eroj issibu f'żagħżugħ jew żagħżugħa li jqattgħu l-vaganzi tagħhom f'xi art tal-missjoni jgħinu lil tant nies fqar.

Dawn l-eroj, b'differenza minn dawk tal-films, ma jagħmlux dan il-ġid kollu bil-qawwa tagħhom, imma fihom jaħdem l-ispirtu ta' Alla. Fejn fil-films naraw eroj li waħdu jiġġieled tant ħażen, l-eroj tagħna mhuma qatt waħedhom u dak li jagħmlu, għalkemm jidher żgħir, jagħmluh b'imħabba kbira.

Għalhekk il-biċċa xogħol tagħna hi li nieħdu ħsieb x'nitfgħu fit-teżor kbir li nġorru f'qalbna, għax jekk nimlew lil qalbna b'dak kollu li hu tajjeb, aħna se nkunu qed noffru ħafna ġid lil dawk li Alla jlaqqgħana magħhom. Ejjew neħduha bis-serjetà din il-missjoni li fdalna s-Sinjur Alla li nsiru l-aħjar li nistgħu nkunu. Alla ġa żergħa fina x-xewqa għat-tajjeb. Alla jkompli jieħu ħsiebna billi jlaqqgħana ma' nies li jistgħu jieħdu ħsiebna u jagħtuna dak li hu tajjeb. Jlaqqgħana wkoll ma' ċirkustanzi fejn nistgħu naqsmu minn dak li hemm f'qalbna. Li jonqos hu li nagħmlu l-parti tagħna.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** AGĦMA, ĦOFRA, DIXXIPLU, IMGĦALLEM, TAĦRIĠ, TIBNA, GĦAJN, ĦUK, TRAVU, SIĠRA, TAJBA, FROTT, ĦAŻIN, TIN, XEWK, TEŻOR

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | P | P | O | S | T | L | I | K | B |
| P | E | F | S | P | E | K | U | L | Ħ |
| O | R | R | T | A | GĦ | W | S | U | O |
| K | S | O | A | S | A | IE | I | N | F |
| A | U | T | S | T | J | T | M | Z | R |
| L | N | T | I | B | N | A | GĦ | M | A |
| I | A | R | Ġ | O | N | Ħ | A | R | D |
| S | S | A | R | A | N | R | L | Ħ | I |
| S | Ħ | V | A | S | IE | I | L | U | X |
| I | I | U | P | B | Ħ | Ġ | E | K | X |
| T | E | Ż | O | R | T | O | M | X | I |
| R | F | Ħ | A | Ż | I | N | E | E | P |
| T | A | J | B | A | N | U | X | W | L |
| A | Ħ | B | A | R | T | A | J | K | U |


ATONEMENT
THANKSGIVING
ADORATION
PETITION

## Qatt waħedna!

Fil-ħajja ġieli jiġu mumenti ftit diffiċli. Kultant insibu x-xogħol tal-iskola aktar iebes mis-soltu, jew inkella jkollna xi kunflitt ma' sħabna jew mal-familjari tagħna. Bħala Nsara għandna vantaġġ li kultant faċli ninsewh. Ġesù wegħedna li hu magħna dejjem. Għalkemm fil-mumenti diffiċli jista' jkun li nħossuna waħedna, Ġesù wegħedna li hu dejjem magħna. Dawk li llum insejħulhom qaddisin għamlu dak li għamlu propju meta ftakru li Ġesù kien magħhom. Ejjew ma ninsew qatt li hu dejjem magħna. Dejjem lest li jgħinna. Għalhekk ejjew fil-mumenti diffiċli nitolbu:

Ruħ ta' Kristu, qaddisni.
Ġisem ta' Kristu, salvani.
Demm ta' Kristu, ferraħni.
Ilma tal-kustat ta' Kristu, aħsilni.
Passjoni ta' Kristu, sabbarni.
O Ġesù ħanin, ismagħni.
Fil-pjagi tiegħek, aħbini.
Tħallinix ninfired minnek.
Mill-għadu ħażin ħarisni.
Fis-siegħa ta' mewti sejjaħli
Ġewwa ħdanek ilqagħni
biex mal-anġli u l-qaddisin tiegħek
infaħħrek u nroddlok ħajr għal dejjem.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com






**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq
*info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.